

Brussell, 5 ta' Frar 2021  
(OR. en)

5792/21  
ADD 1

FIN 83  
PE-L 4

**NOTA PUNT "I"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 – <i>Adozzjoni</i>

---

**ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL  
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali  
tal-Unjoni Ewropea  
għas-sena finanzjarja 2019**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 319 tiegħu,

Wara li wettaq l-eżami previst fl-Artikolu 319(1) TFUE,

Billi:

(1) Skont il-kont tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2019:

- id-dħul ammonta għal	EUR 163 917 569 359.09
- l-infiq imħallas mill-appropriazzjonijiet ammonta għal	EUR 157 428 362 340.51
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament ikkanċellati (inkluż id-dħul assenjat) riportati mis-sena <i>n-1</i> ammontaw għal	EUR 1 661 145 502.35
- l-appropriazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena <i>n+1</i> ammontaw għal	EUR 1 610 901 146.79
- l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-EFTA riportati mis-sena <i>n-1</i> ammontaw għal	EUR 3 728 660.39

- il-bilanċ tad-differenzi fir-rati tal-kambju ammonta għal EUR 3 623 341.88
  - il-bilanċ pożittiv tal-baġit ammonta għal EUR 3 217 055 050.93
- (2) L-appropriazzjonijiet ta' pagamenti ikkanċellati għas-sena finanzjarja ammontaw għal EUR 74 870 959.98;
  - (3) EUR 1 667 152 590.60 (95.70 %) mill-EUR 1 742 023 550.58 f'appropriazzjonijiet għal pagamenti riportati għas-sena *n* ġew użati;
  - (4) L-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2019 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma ANNESSI għal dan id-dokument;
  - (5) Għall-Kunsill huwa importanti li l-kummenti tiegħu jiġu segwiti u jassumi li l-Kummissjoni ser timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha b'mod sħiħ, mingħajr dewmien;
  - (6) Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rapporti speċjali ppubblikati mill-Qorti fl-2019 u l-2020<sup>1</sup>;
  - (7) B'segwitu għall-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2019 meħuda globalment, abbażi tal-osservazzjonijiet magħmulin mill-Qorti tal-Awdituri, hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' tali implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, biex jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>1</sup> Dok. 5143/20, 6174/20, 6425/20, 6493/20, 8295/1/20 REV 1, 8624/20, 8627/20, 8635/20, 9081/20 + COR 1 REV 1, 9112/20, 9183/20, 9184/20, 9190/20, 9249/20, 9251/20, 9258/20, 9334/20, 9630/20, 9730/20, 10069/20, 10920/20, 11581/20, 11749/20, 12479/20, 12481/20, 13204/20, 13247/20, 13646/20, 14080/20, 14084/20, 14168/20, 14198/20 u 5375/21.

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Kunsill jilqa' r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u l-analiżi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awditu pprovduti. Il-Kunsill jagħti importanza kbira lill-ħidma tal-awditu indipendenti mwettaq mill-Qorti, kif definit fl-Artikolu 287 TFUE, u partikolarment lill-kompitu ewlieni li jipprovdidi Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-eżami tal-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq.
2. Il-Kunsill jieħu nota li, għas-sena finanzjarja 2019, il-Qorti qasmet ir-rapport annwali tagħha f'żewġ partijiet separati. Parti minnhom tikkonċerna l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Il-parti l-oħra tkopri l-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq taħt il-baġit tal-UE. Bħala eżerċizzju pilota, il-Qorti kopriet fir-rapport, għall-ewwel darba, - ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) mill-Kummissjoni, li huwa r-rapport ewlieni tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni ta' livell għoli dwar il-baġit tal-UE. Il-Kunsill jappella liż-żewġ istituzzjonijiet biex ikomplu jaħdmu kif meħtieġ biex tinkiseb il-valutazzjoni tal-valur reali mogħti liċ-ċittadini tal-UE.
3. Il-Kunsill jilqa' s-sejba tal-Qorti li l-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE u li l-Qorti ħarġet opinjoni ċara dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-2019. Il-Kunsill jilqa' wkoll li d-dħul għall-2019 instab li kien legali u regolari u ħieles minn żbalji materjali. Madankollu, il-Kunsill jiddispijaċih li l-Qorti ħarġet opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq u li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għadu materjali.

4. Il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejbiet tal-Qorti, kif speċifikat fir-rapport annwali tagħha u fir-rapport dwar il-prestazzjoni, u jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, filwaqt li jistieden lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħra biex iqisu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Jenħtiegħ tingħata attenzjoni speċjali għal żbalji marbuta mal-akkwist pubbliku, li huma preżenti fil-kapitoli kollha tal-baġit.
5. Minkejja l-appelli ripetuti mill-Kunsill, il-Qorti għal darba oħra ma ppreżentatx livell ta' żball għal kull kapitolu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn is-snin f'kull qasam ta' politika u għal darba oħra jitlob lill-Qorti biex tipprovdi rati ta' żball għall-intestaturi kollha, irrispettivament mid-daqs tal-infiq, b'kont meħud tal-importanza politika dejjem tizzied ta' kapitoli bħal Sigurtà u Ċittadinanza u Ewropa Globali.

---

**RAPPORT ANNWALI**  
**DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE GĦAS-**  
**SENA FINANZJARJA 2019**

## KAPITOLU 1

### DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI U INFORMAZZJONI ĠUSTIFIKATTIVA

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għadu materjali u żdied għat-tieni sena konsekuttiva, wara tnaqqis fis-snin preċedenti. Il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna għall-infiq aċċettat fil-kontijiet għall-2019, kif stmat mill-Qorti, huwa 2,7 %. Il-Kunsill jieħu nota li proporzjon sostanzjali ta' dan l-infiq - aktar min-nofs - huwa affettwat b'mod materjali minn żbalji u jqis li dan jikkonċerna prinċipalment infiq ibbażat fuq ir-rimborż, fejn il-livell stmat ta' żball huwa 4.9 %. Il-Kunsill jinnota wkoll li l-Qorti rrapportat li, l-aktar minħabba żieda fl-infiq għall-“Koeżjoni”, tali nfiq żdied għal EUR 66.9 biljun fl-2019, li jirrappreżenta 53.1 % tal-popolazzjoni tal-awditjar. Il-Kunsill jieħu nota wkoll li l-Qorti tqis li l-effetti tal-iżbalji miżjuba fl-infiq aċċettat tas-sena huma kemm materjali kif ukoll mifruxa.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi t-tnaqqis fir-rata ta' żball miksuba fil-pagamenti bbażati fuq rimborżi fl-2019 fis-subintestatura 1b (minn 5 % għal 4.4 %) u fl-intestatura 2 (minn 2.4 % għal 1.9 %). Il-Kunsill jinnota li dan it-tip ta' nfiq għadu soġġett għal regoli kumplessi u għalhekk, suxxettibbli għal riskju għoli ta' żball, minkejja l-bidliet li ġew issimplifikati fil-qafas regolatorju introdott fl-2018. F'dan il-qafas, il-Kunsill jieħu nota tal-isforzi ta' simplifikazzjoni li saru fil-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas regolatorju ta' wara l-2020, b'mod partikolari għall-koeżjoni. Il-Kunsill jenfasizza li, sabiex jinkiseb it-tnaqqis tar-rati ta' żball u tiġi żgurata ġestjoni effettiva u korretta tal-fondi tal-UE, leġiżlazzjoni aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar prevedibbli għandha tibqa' prijorità ewlenija.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-programmi ta' nfiq u s-sistemi ta' kontroll relatati, kif ukoll iċ-ċikli ta' ġestjoni, ikopru diversi snin. F'dan ir-rigward, il-Qorti u l-Kummissjoni għandhom rwoli differenti fil-proċess ta' kontroll pluriennali, li jista' jwassal għal riżultati differenti. Il-korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri mwettqa wara l-awditu tal-Qorti għandhom l-objettiv li l-livell ta' żball jinġieb taħt il-materjalità. Għalhekk, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-riżultati mtejbja miksuba mill-korpi tal-awditjar fid-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji. Il-Kunsill jinkoraggja bil-qawwa lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex ikomplu jżidu l-kwalità tal-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.

4. Il-Kunsill huwa mħasseb ukoll dwar il-livell ta' riskju aktar baxx rikorrenti stmat mill-Kummissjoni għal ċerti intestaturi meta mqabbel mal-livell stmat ta' żball mill-Qorti. Fl-opinjoni tal-Qorti, dan huwa dovut għal dgħufijiet f'xi kontrolli *ex post*, li jaffettwaw il-kapaċità ta' detezzjoni u korrettiva u l-informazzjoni dwar ir-regolarità pprovduta mill-Kummissjoni.
5. Il-Kunsill jerġa' jinnota li l-livell stmat ta' żball tal-Qorti mhuwiex miżura ta' frodi, ineffiċjenza jew ħela ta' fondi fih innifsu, iżda ta' pagamenti li ma sarux f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli rigward l-eliġibbiltà tal-infiq.
6. Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni ċara mogħtija mill-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-kontijiet") għas-sena finanzjarja 2019. Il-Kunsill jinnota d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2019, u r-riżultati tal-operazzjonijiet, tal-fluss ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li għalqet dakinhar, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u mar-regoli tal-kontabbiltà bbażati fuq standards ta' kontabbiltà aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.
7. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li d-dħul sottostanti għall-kontijiet għall-2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, bħal fi snin preċedenti.
8. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-effettività ġenerali tal-korpi tal-awditjar li jidentifikaw l-iżbalji u l-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE u japprezza l-isforzi kontinwi u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fil-ħidma ta' xi awtoritajiet tal-awditjar. Abbażi tas-sejbiet tal-Qorti, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-atturi involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE biex jikkoordinaw u jkomplu jtejbu l-ħidma tagħhom, sabiex il-Qorti tkun tista' tagħmel aktar użu mill-ħidma ta' awditjar imwettqa minn awdituri nazzjonali u tal-Kummissjoni fid-dawl tal-iżviluppi marbuta mal-prinċipju tad-dipendenza trasversali.

9. B'kont meħud li huwa essenzjali li l-baġit tal-UE jagħti valur reali liċ-ċittadini tal-UE b'mod effiċjenti, il-Kunsill iqis li valutazzjoni tar-riżultati miksuba mill-baġit tal-UE hija element importanti tal-evalwazzjoni annwali tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-fatt li r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni jkopri settijiet differenti ta' objettivi, inkluż l-objettivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali u objettivi trasversali addizzjonali. Madankollu, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tkompli żżid b'mod partikolari l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi, billi tikkombina kemm il-valutazzjoni kwalitattiva kif ukoll dik kwantitattiva, u tipprovdi analiżi aktar sistematika tal-effiċjenza tal-programmi u tal-fatturi esterni li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-programm.
11. Barra minn hekk, il-Kunsill jikkondividi l-fehma tal-Qorti li, minkejja titjib reċenti, għad hemm lok għal titjib fil-kwalità tal-indikaturi tal-prestazzjoni u l-affidabbiltà f'xi oqsma tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni, kif ukoll dwar il-kalkolu tal-progress biex jiġu mmirati u t-trasparenza tal-iffissar tal-miri, u jtenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni biex tiegħu aktar azzjonijiet adatti dwar ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula mill-Qorti.

---

**KAPITOLU 2**  
**ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA**

1. Il-Kunsill jieħu nota tal-implimentazzjoni tal-baġit kważi shiġha fl-2019 f'impjenji u pagamenti u jilqa' l-fatt li l-baġit la kien sottobaġitjat u lanqas ma kien ibbaġitjat b'mod eċċessiv, li juri ġestjoni baġitarja b'mod ġenerali ordnata.
2. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib iż-żieda kontinwa ta' impjenji baġitarji pendenti (RAL) għal livell rekord. Filwaqt li jilqa' iż-żieda fir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE), amplifikata mir-regoli riveduti adottati fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kunsill jibqa' mħasseb ħafna dwar ir-riskju ta' pressjoni fuq l-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-ewwel snin tal-QFP 2021-2027 u jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex issegwi mill-qrib il-ħtiġijiet ta' pagament, inkluż dawk li jirriżultaw mill-pandemija, u biex tiegħu azzjoni, fi ħdan il-mandat istituzzjonali tagħha.
3. Il-Kunsill jaqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti rigward l-importanza li jkun hemm stampa shiġha tal-esponiment tal-baġit tal-UE, u jappella lill-Kummissjoni biex tivvaluta mill-ġdid, inkluż fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-ammonti u l-mekkaniżmi disponibbli għall-mitigazzjoni ta' esponiment ulterjuri, inkluż reviżjoni tar-rati ta' proviżjonament. Il-Kunsill jinnota bi tħassib iż-żieda ta' EUR 15.6 biljun f'obligazzjonijiet għall-pensjonijiet u benefiċċji oħra tal-impjegati, u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjonijiet biex tipprevjeni deterjorament ulterjuri tal-karta tal-bilanċ tal-UE.
4. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'informazzjoni rilevanti dwar il-fondi ttrasferiti mill-baġit tal-UE għal strumenti finanzjarji ġestiti mill-grupp tal-BEI, sabiex tippermetti skrutinju xieraq u żżid it-trasparenza ta' tali operazzjonijiet.

## **KAPITOLU 3**

### **DĦUL**

1. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li fl-2019 il-parti tad-dħul mill-baġit ma ġietx affettwata minn żball materjali, li t-tranżazzjonijiet sottostanti ttestjati nstab li ma kienx fihom żbalji u li s-sistemi relatati mad-dħul eżaminati ġew ivvalutati bħala effettivi, filwaqt li l-kontrolli interni ewlenin għal riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) ġew ivvalutati bħala parzjalment effettivi. Il-Kunsill jinnota li hemm dgħufijiet fil-ġestjoni f'dak li jirrigwarda d-dazji doganali ta' ċerti Stati Membri, u jiddispjaċih li l-Kummissjoni tiegħu ħafna ħin biex issolvi n-nuqqasijiet misjuba fl-ispezzjonijiet tar-RPT imwettqa fl-Istati Membri.
2. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li hemm dgħufijiet fil-kontrolli tal-Istati Membri biex jitnaqqas id-distakk doganali, li jeħtieġu azzjoni tal-UE, b'mod partikolari n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-UE kollha dwar il-prestazzjoni tal-kontrolli doganali għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' importazzjonijiet sottovalutati fl-Unjoni Doganali kollha u n-nuqqas ta' kapaċità tal-Istati Membri li jidentifikaw l-aktar operatori ekonomiċi riskjużi fil-livell tal-UE għall-awditi ta' wara r-rilaxx prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' bażi tad-data fl-UE kollha li tipprovdi informazzjoni dwar l-importazzjonijiet mill-operaturi ekonomiċi fil-livell tal-UE.
3. Għalhekk, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li saret lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ regolari fl-għażla tal-importaturi l-aktar riskjużi għal dawn l-awditi u jieħu nota tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tintroduċi l-kapaċitajiet avvanzati tas-sistema tal-IT doganali "Surveillance III" sa Jannar 2023.
4. Il-Kunsill jiddispjaċih għall-fatt li kien hemm dewmien mill-Kummissjoni rigward is-segwitu u l-għeluq tal-punti miftuħa tar-RPT. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li saru lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-proċeduri tagħha billi tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ ta' punti miftuħa tal-RPT abbażi ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi li jikklassifikaw in-nuqqasijiet misjuba fl-Istati Membri f'ordni ta' prijorità.

5. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tipproponi reviżjoni tar-Regolament biex il-kategoriji kollha ta' rizersi proprji (MAR) isiru disponibbli malajr kemm jista' jkun, bil-għan li jinkiseb MAR uniku u simplifikat għall-kategoriji kollha tar-rizersi proprji.
-

**KAPITOLU 4**  
**KOMPETITTIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI**

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti huwa 4.0 %, id-doppju ta' dak tas-sena l-oħra, iżda lura f'konformità mas-snin preċedenti.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi li, għat-tieni sena, ir-riċerka u l-innovazzjoni jirrappreżentaw għal darba oħra l-ogħla perċentwal tat-tranżazzjonijiet awditjati mill-Qorti (80 minn 130 tranżazzjoni). Is-sehem tal-infiq għall-programmi spazjali, qasam ta' nfiq b'riskju baxx, naqas fil-popolazzjoni kollha tal-awditjar meta mqabbel mal-2018. Il-Kunsill jinnota li l-infiq tal-FP7 u tal-Orizzont 2020 għadu ta' riskju għoli u s-sors prinċipali ta' żbalji, li jirrappreżenta 78 % tal-livell stmat ta' żball għal din is-subintestatura fl-2019. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jjeħu nota tan-numru żgħir ta' tranżazzjonijiet li jikkonċernaw programmi u attivitajiet oħra fejn instabu żbalji kwantifikabbli (4 minn 50 tranżazzjoni). Dawn it-tranżazzjonijiet jikkonċernaw proġetti taħt il-programmi Erasmus+ u CEF.
3. Il-Kunsill jiddispjaċih li minkejja titjib u simplifikazzjoni amministrattiva rrappurtati preċedentement f'Orizzont 2020 (H2020), l-infiq fuq ir-riċerka għadu milqut minn żbalji materjali. Għalhekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq rata ta' żball taħt il-livell limitu ta' materjalità.
4. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar il-fatt li, skont is-sejbiet tal-Qorti, il-livell stmat ta' żball kien ikun 1.1 punti perċentwali inqas kieku l-Kummissjoni għamlet użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli kollha biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-iżbalji qabel ma taċċetta l-infiq. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tindirizza l-kawżi tal-iżball, b'enfasi partikolari fuq il-programmi li huma soġġetti għal livelli ta' żball għoljin b'mod persistenti, u biex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex timplimenta b'mod sħiħ il-miżuri li diġà ttieħdu f'dan ir-rigward.

5. Il-Kunsill jinnota b' dispjaċir li, b'hal fis-snin preċedenti, ir-riskju ewlieni identifikat mill-Qorti huwa spejjeż mhux eliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarji, l-aktar SMEs u dawk li jidħlu ġodda li huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji meta jippreżentaw talbiet għall-ispejjeż. Il-Kunsill jieħu nota wkoll bi tħassib tal-analiżi tal-Qorti li l-ispejjeż tal-persunal għadhom il-kawża ewlenija għall-biċċa l-kbira tal-iżbalji, b' mod partikolari fir-riċerka, fejn il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal saret aktar kumplessa f' xi aspetti taħt Orizzont 2020, u b'hekk żdied ir-riskju ta' żball. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar Orizzont 2020 u jġedded l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex twettaq kontrolli aktar immirati fuq talbiet tal-ispejjeż mill-SMEs, biex ittejjeb il-kampanja ta' informazzjoni u l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħha biex tipprovdi lill-benefiċjarji bi gwida xierqa dwar kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u regoli għall-kalkolu u d-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal, kif ukoll biex tissimplifika aktar ir-regoli għall-kalkolu tal-ispejjeż diretti tal-persunal fil-Programmi Qafas tar-Riċerka li jmiss.
6. Il-Kunsill jinnota li l-istima tar-riskju mal-pagament ikkalkulata mill-Kummissjoni fir-Rapport Annwali tagħha dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) hija taħt il-materjalità (1.7 %). Madankollu, il-Kunsill huwa mħasseb dwar id-dgħufijiet u l-inkonsistenzi indikati fl-analiżi tal-Qorti dwar il-verifiki ex-post dwar Orizzont 2020 imwettqa kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-awdituri esterni kkuntrattati. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha biex tirrimedja dawn id-dgħufijiet.
7. Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni aċċettat u implimentat, bis-sħiħ jew fil-parti l-kbira tal-aspetti, ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti fir-rigward tas-subintestatura 1a. B' mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-użu usa' ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati b'hal pagamenti ta' somma f' daqqa li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' s-sejbiet tal-Qorti li r-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni f'dan il-qasam ta' politika jipprovdu valutazzjoni relattivament ġusta tal-ġestjoni finanzjarja tagħha u r-regolarità ta' tranżazzjonijiet sottostanti u jikkorroboraw is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti.

## KAPITOLU 5

### KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

1. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li l-livell stmat ta' żbalji rrapportat mill-Qorti għal pagamenti fil-qasam ta' politika "Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali" naqas b'0.6 punti perċentwali għal 4.4 % fl-2019, li għadu, madankollu, ferm ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi t-titjib li nstab mill-Qorti din is-sena fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, iżda jirrikonoxxi li l-Qorti għadha ma tistax tiddependi kompletament fuq il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar u fuq ir-rati ta' żbalji residwi rrapportati mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kunsill jinkoraġġihom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex itejbu aktar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom.
3. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni tal-fondi tal-UE. Il-Kunsill jinnota b' sodisfazzjon l-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid ta' kontroll u assigurazzjoni, imfassal biex jiżgura li r-rati ta' żbalji residwi annwali jaqgħu taħt il-limitu ta' materjalità, iżda jappoġġa l-valutazzjoni tal-Qorti li huwa meħtieġ aktar titjib fil-mod kif jiġi applikat il-qafas, kemm mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar kif ukoll mill-Kummissjoni. F'dan is-sens, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti indirizzata lill-Kummissjoni biex tanalizza s-sorsi ewlenin ta' żbalji mhux maqbuda u tiżviluppa, flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar, il-miżuri meħtieġa biex ittejjeb l-affidabbiltà tar-rati residwi rrapportati.
4. Il-Kunsill jinnota li nofs il-livell stmat ta' żball huwa kkawżat minn proġetti ineliġibbli (qabel ma jittieħed kont tal-korrezzjonijiet finanzjarji) u għalhekk jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tikkjarifika x' inhu mfisser b' operazzjonijiet li "tlestew fiżikament" u/jew "implimentati bis-sħiħ", b' appoġġ lill-Istati Membri biex jivverifikaw il-konformità tal-operazzjonijiet tagħhom mal-Artikolu 65(6) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) u biex jidentifikaw aħjar operazzjonijiet ineliġibbli.

5. Il-Kunsill jinnota li l-programmi ta' Koeżjoni jkopru diversi snin u li l-Kummissjoni, bħala maniġer tal-baġit tal-UE, tistabbilixxi strateġiji ta' kontroll pluriennali mfassla biex jipprevjenu l-iżbalji u, jekk dan ma jkunx possibbli, biex tidentifikahom u tapplika korrezzjonijiet qabel l-għeluq tal-programmi. Dan jissottolinja li l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għandhom rwoli differenti fil-katina tal-kontroll tal-baġit tal-UE u, għalhekk, l-approċċi ta' kontroll tagħhom ivarjaw b'mod konsiderevoli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota li l-istima tar-riskju fl-għeluq hija taħt il-materjalità (1.1 %).
-

**KAPITOLU 6**  
**RIŻORSI NATURALI**

1. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li fl-2019, il-livell stmat ta' żball irrappurtat mill-Qorti għall-pagamenti fil-qasam ta' politika "Riżorsi naturali" huwa 1.9 % (meta mqabbel ma' 2.4 % fl-2018), taħt il-livell limitu ta' materjalità . Filwaqt li qieset evidenza oħra prodotta mis-sistema ta' kontroll, il-Qorti sabet li l-livell ta' żball kien qrib dak tal-materjalità.
2. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-miżuri korrettivi applikati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri naqqsu l-livell stmat ta' żball b'0.2 punti perċentwali. Għalhekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji.
3. Il-Kunsill jieħu nota li r-riskju ta' żball f'dan il-kapitolu huwa kkonċentrat fl-oqsma soġġetti għal regoli ta' eliġibbiltà aktar kumplessi tal-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni dwar il-klima u li s-sorsi ewlenin ta' żball kienu benefiċjarji, attivitajiet, proġetti jew spejjeż ineliġibbli.
4. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti magħmula lill-Kummissjoni biex taġġorna l-analiżi tagħha tar-riskji ta' frodi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) b'mod aktar frekwenti, twettaq analiżi tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Istati Membri u xxerred l-aħjar Prattiki fl-użu tal-għodda Arachne biex tinkoraġġixxi aktar l-użu tagħha mill-aġenziji tal-pagamenti.

## KAPITOLU 7

### SIGURTÀ U ĊITTADINANZA

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li fir-rigward tal-ittestjar sostantiv fil-qasam tas- “Sigurtà u Ċittadinanza”, il-kampjun tal-awditjar għal darba oħra ma kienx rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP u li, konsegwentement, il-Qorti ma stmatx rata ta’ żball inġenerali. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li aktar minn terz tat-tranżazzjonijiet awditjati kienu milquta minn żball.
2. Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi tal-Istati Membri biex iżidu l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) f’kuntest politiku kumpless, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta’ passi ulterjuri f’din id-direzzjoni, bil-għan li tiġi evitata pressjoni akbar fuq l-awtoritajiet nazzjonali hekk kif il-programmi jersqu lejn l-għeluq. Fid-dawl tal-fokus politiku akbar fuq dan il-qasam ta’ politika u l-baġit dejjem jikber tiegħu, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Qorti biex tkabbar l-ambitu tal-awditjar tagħha għal kampjun rappreżentattiv, biex tipprovdi rata ta’ żball għal din l-intestatura fis-snin ta’ wara.
3. Il-Kunsill jilqa’ l-konklużjoni tal-Qorti li l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar kollha għall-AMIF u l-ISF eżaminati, żviluppaw u implimentaw proċeduri ta’ rapport dettaljati ta’ kwalità suffiċjenti, u li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni mniżżla fir-Rapporti Annwali ta’ Kontroll (ACR) hija strutturata u metikoluża u tkopri l-aspetti legali rilevanti kollha. Madankollu, il-Kunsill jesprimi tħassib li l-Qorti identifikat xi dgħufijiet fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar u jiddispjaċih dwar is-sejba tal-Qorti li xi awtoritajiet responsabbli kienu użaw definizzjoni differenti għal “pagament interim”, li affettwa l-komparabbiltà tar-riżultati tal-awditjar.

4. Il-Kunsill jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni diġà bdiet timplimentahom flimkien mal-Istati Membri. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-awditjar, responsabbli mill-programmi nazzjonali tal-AMIF u l-FSI, biex itejbu, abbażi ta' gwida u struzzjonijiet adatti maħruġa mill-Kummissjoni, il-kopertura tal-awditjar, il-kampjunar u r-rekord tal-awditjar, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti.
-

**KAPITOLU 8**  
**EWROPA GLOBALI**

1. Il-Kunsill jiddispjaċih li l-Qorti għal darba oħra għażlet li ma tistabilixxix livell stmat ta' żball għal dan il-kapitolu u jappella lill-Qorti biex tipprovdi livell stmat ta' żball bħal dan fis-snin li ġejjin bil-ħsieb li tippermetti paragun ta' sena b'sena tar-riskju għall-interessi finanzjarji tal-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li kważi terz tat-tranżazzjonijiet awditjati kienu milquta minn żball.
  
2. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti rigward it-tisħiħ tal-kontrolli minn DĠ NEAR, DĠ DEVCO, DĠ CLIMA u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) sabiex jiġu identifikati u evitati żbalji rikorrenti, u fir-rigward tal-iżvelar tal-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-Rata ta' Żball Residwu ta' DĠ NEAR fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA). Il-Kunsill jappoġġa wkoll ir-rakkomandazzjoni relatata mal-metodoloġija għall-kalkolu tar-"rata tal-għotja" minn DĠ NEAR sabiex jiġi rifless b'mod aktar preċiż ir-riskju oġġla fil-qasam tal-għotjiet taħt ġestjoni diretta.

---

## KAPITOLU 9

### AMMINISTRAZZJONI

1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-infiq amministrattiv u relatat tal-istituzzjonijiet tal-UE baqa', b'hal fi snin preċedenti, ħieles minn żball materjali. Il-Kunsill jinnota b' sodisfazzjon li l-ebda livell materjali ta' żball ma ġie identifikat mill-Qorti fir-rapporti annwali tal-attività eżaminati.
2. Il-Kunsill jilqa' s-sejba tal-Qorti li kien hemm inqas żbalji relatati mal-ispejjeż tal-persunal u l-ġestjoni tal-benefiċċji tal-familja milli fis-snin preċedenti u l-fatt li l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO), fl-2020 diġà kkoreġa l-iżbalji li nstabu fis-sena preċedenti. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli timminimizza l-iżbalji fil-ġestjoni tal-ispejjeż tal-persunal f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020.
3. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-osservazzjoni tal-Qorti dwar żbalji dwar pagament li sar mill-Parlament Ewropew lil partit politiku Ewropew. Dawn l-iżbalji, simili għan-nuqqasijiet fit-tranżazzjonijiet misjuba u rrapportati mill-Qorti fi snin preċedenti, kienu jikkonċernaw nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-eliġibbiltà tan-nefqa. Il-Kunsill jappella lill-Parlament Ewropew biex itejjeb il-proċeduri, l-istruzzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' kontroll tiegħu biex jipprevjeni dawn l-iżbalji milli jseħħu.
4. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar iż-żewġ sejbiet tal-Qorti relatati mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). L-ewwel nett, il-KESE għadu ma żviluppax definizzjonijiet għal karigi jew funzjonijiet sensitivi, u lanqas ma wettaq analiżi tar-riskju bil-ħsieb li jadotta kontrolli għall-mitigazzjoni u politika ta' mobbiltà interna. It-tieni nett, il-KESE ilu mill-2014 ma jwettaq valutazzjoni komprensiva tar-riskju. Il-Kunsill jappella lill-KESE biex jimplimenta politika għat-trattament ta' funzjonijiet sensitivi, kif ukoll jistabbilixxi u jimplimenta proċeduri komprensivi ta' valutazzjoni tar-riskju.

5. Il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2019 u jirrikonoxxi l-miżuri ta' rimedju adottati mill-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej, filwaqt li jistenna b'interess l-evalwazzjoni mill-Qorti tar-riżultati miksuba.
  6. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kienu naqqsu l-pjanijiet ta' stabbiliment tagħhom b'1 409 kariga (3 %) mill-2012 għall-2018, filwaqt li l-għadd ta' persunal bil-kuntratt żdied bi 3 253 ekwivalenti full-time (FTE) ibbaġitjati (37 %) matul l-istess perijodu. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tissorvelja dan l-iżvilupp mill-qrib bil-għan li tistabbilizza l-forza tax-xogħol totali f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020.
-

**RAPPORT TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
DWAR IL-PRESTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE - STATUS FI  
TMIEM L-2019**

## INTRODUZZJONI

1. Il-Qorti kopriet ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni ta' livell għoli permezz tal-AMPR u d-dikjarazzjonijiet tal-programmi. Hija eżaminat jekk il-Kummissjoni għandhiex proċess robust għall-produzzjoni ta' dawn ir-rapporti u jekk dawn jagħtux ħarsa ġenerali ċara, komprensiva u bbilanċjata dwar il-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE. Il-Qorti eżaminat ukoll ir-riżultati miksuba mill-programmi tal-UE taħt, rispettivament, is-(sub)intestaturi 1a, 1b, 2, 3 u 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014 tal-2020.
2. L-iskop ta' din il-ħidma kien li jiġi stabbilit kemm hija rilevanti l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u, abbażi ta' dik l-informazzjoni, biex jiġi vvalutat kemm ħadmu tajjeb il-programmi ta' nfiq tal-UE.
3. Minn 58 programm ta' nfiq, il-Qorti għażlet u eżaminat 9, li, meta meħuda flimkien, jirrappreżentaw madwar tliet kwarti tal-pagamenti kollha li saru sa tmiem l-2019 meta mqabbla mal-impjenji tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.
4. Il-Kunsill jieħu nota li l-Qorti hija tal-opinjoni li, minħabba l-limitazzjonijiet inerenti tagħhom, l-indikaturi tal-prestazzjoni jistgħu jipprovdu biss stampa mhux kompluta tal-prestazzjoni tal-programm, peress li hemm aspetti li l-indikaturi ma jaqbdux jew ma jaqbdux tajjeb.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li r-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE qed ikompli jitjieb u jsir aktar ibbilanċjat, bis-saħħa tal-użu koerenti tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR), il-Ħarsa Ġenerali lejn il-Prestazzjoni tal-Programmi (PPO) u d-dikjarazzjonijiet tal-programmi. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha b'mod partikolari biex ittejjeb l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi u fl-AMPR, u biex tkompli tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE tal-inqas sakemm ikunu qed isiru ammonti sostanzjali ta' pagamenti lil hinn mid-durata tal-QFP ikkonċernat matul il-QFP li jmiss.

## KOMPETITIVITÀ GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

1. Il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni tal-prestazzjoni speċifika tal-Qorti għal Orizzont 2020 filwaqt li jieħu nota tal-informazzjoni disponibbli attwalment limitata l-aktar minħabba dewmien konsiderevoli bejn il-finanzjament ta' proġetti u l-materjalizzazzjoni tar-riżultati u l-impatti, li hija karatteristika inerenti tal-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-effiċjenza ta' Orizzont 2020 żdiedet wara s-simplifikazzjoni u ħafna mill-proġetti kisbu l-eżiti u r-riżultati mistennija tagħhom.
2. Il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni tal-prestazzjoni speċifika tal-Qorti għall-FEIS li tindika li l-programm jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-miri tiegħu ta' investiment mobilizzat u jikseb l-effett multiplikatur tiegħu. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib li xi proġetti setgħu ġew iffinanzjati minn sorsi oħra u li f'xi każijiet l-effett tal-FEIS fuq investiment addizzjonali seta' kien sopravvalutat. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni mmaniġġjat il-Fond ta' Garanzija tal-FEIS billi applikat il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u tagħmel sforzi kontinwi biex ittejjeb id-diversifikazzjoni ġeografika tal-FEIS.

## KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

1. Il-Kunsill jieħu nota li maġġoranza kbira tal-indikaturi stabbiliti fl-oġġettivi ġenerali tal-programm għall-FEŻR u l-FK kienu għadhom mhumiex fit-triq it-tajba, abbażi ta' data disponibbli fi tmiem l-2018, b'ċifri baxxi dwar indikaturi speċifiċi għall-SMEs u l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, filwaqt li jirrikonoxxi li l-bidu kajman fl-infiq għall-perijodu 2014-2020 kellu influwenza fuq il-pass tal-kisba tal-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni, li l-miri għalihom huma stabbiliti għall-2023. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li dawk iż-żewġ programmi speċifiċi jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE.
2. Il-Kunsill jikkondividi l-konklużjonijiet tal-Qorti relatati mar-riskju, speċjalment għad-disponibbiltà tal-pagamenti, fl-użu tal-finanzjament lejn tmiem il-QFP, u jikkondividi wkoll il-valutazzjoni li d-dewmien fl-infiq għall-perijodu 2014-2020 jinfluwenza l-kisba tal-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni. Il-Kunsill jilqa' l-introduzzjoni ta' indikaturi komuni tar-riżultati obbligatorji proposti għall-perijodu 2021-2027 u l-istabbiliment tal-pjattaforma tad-data miftuħa tal-Kummissjoni u jistenna b'interess il-valutazzjoni tal-eżiti tagħhom.

---

## RIŻORSI NATURALI

1. Il-Kunsill jinnota s-sejbiet tal-Qorti dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-PAK, l-aktar relatati ma' inputs jew outputs u li pjuttost juru l-livell ta' assorbiment tal-fondi tal-UE milli r-riżultati jew l-impatti tal-politika.
  2. Il-Kunsill jinnota s-sejbiet tal-Qorti dwar id-diffikultà biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-infiq relatat tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp rurali abbażi tal-informazzjoni rrappurtata mill-Kummissjoni fl-AMPR u d-dikjarazzjonijiet tal-programmi fir-rigward tal-oġettiv ġenerali dwar l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.
-

## SIGURTÀ U ĊITTADINANZA

Il-Kunsill jinnota li filwaqt li l-AMPR 2019 jipprovdi informazzjoni kuntestwali, huwa ma jindikax jekk l-AMIF huwiex fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettiv ġenerali tiegħu. L-informazzjoni disponibbli tindika li l-infiq huwa rilevanti u jipprovdi valur miżjud tal-UE, iżda l-indikaturi ddefiniti ma jipprovdux evidenza dwar l-ekonomija u l-effiċjenza. Il-fatt li żewġ terzi tal-indikaturi jkejlu l-attivitajiet u l-output jista' jwassal għal stampa tal-kisbiet li hija pożittiva żżejjed. Il-Qorti tikkonkludi li l-AMIF jaħdem l-aħjar fit-tisħiħ tas-SEKA, u huwa aktar dgħajjef fir-ritorn ta' migranti illegali.

---

## **EWROPA GLOBALI**

1. Il-Kunsill jinnota li r-rapporti ta' livell għoli tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tad-DCI. Il-Kunsill jinnota li l-progress lejn l-oġettiv ġenerali li tiġi stabbilita żona ta' prosperità kondiviża u relazzjonijiet tajbin kien akbar fil-Viċinat tal-Lvant milli fil-Viċinat tan-Nofsinhar.
2. Il-Kunsill jinnota li l-indikaturi fir-rapporti ta' livell għoli wrew tendenza ġeneralment pożittiva fit-tnaqqis tal-faqar, l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni, il-ftehimiet mal-pajjiżi ġirien u l-iżvilupp tal-bniedem, iżda jinnota wkoll ix-xejra li sejra għall-aġħar fil-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-istabbiltà politika. Madankollu, il-Kunsill jinnota li l-indikaturi ma pprovdewx informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-programmi nfushom, u konsegwentement jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta indikaturi li juru b'mod ċar sa liema punt il-programmi kienu qed jagħtu l-eżiti u r-riżultati mistennija.

